MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## ANNA FELICE

Seduta tas-7 ta' Ottubru, 2009

Citazzjoni Numru. 657/2007

**Daniel Grima**

**Vs**

**Larson Pace**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors tal-attur Daniel Grima fejn dan, wara li ppremetta illi:

1. Nhar l-14 ta’ Ottubru, 2003 gewwa Hal- Tarxien sehh incident awtomobilistiku bejn vettura tal-marka *Hyundai Accent*, bin-numru ta’ registrazzjoni DNL 777 misjuqa mir-rikorrent, u vettura tal-marka *Renault*, bin-numru ta’ registrazzjoni DBD 672, misjuqa mill-intimat, u dana kif jirrizulta mir-*Road Accident Report* relattiv, kopja tieghu hawn annessa u mmarkata **Dok. A.**

2. Ghall-incident awtomobilistiku in kwistjoni jahti unikament l-intimat minhabba traskuragni, imperizja, nuqqas ta’ hila, u non-osservanza tar-regolamenti tat-traffiku.

3. Fil-fatt, fil-proceduri kirminali li l-Pulizija hadet unikament fil-konfront tal-intimat relattivament ghall-incident awtomobilistiku in kwistjoni, l-istess intimat instab hati tal-akkuzi migjuba kontrieh wara li ammetta l-istess akkuzi.

4. L-intimat gie wkoll dikjarat unikament responsabbli ghall-istess incident awtomobilistiku fil-kawza civili li l-assikurazzjoni tal-vettura misjuqa mir-rikorrent, kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha, sid l-istess vettura, li jigi missier ir-rikorrent, ghamlet fil-konfront tal-istess intimat.

5. Konsegwenza tal-istess incident awtomobilistiku, ir-rikorrent sofra griehi fil-persuna tieghu ta’ natura permanenti, u dana kif certifikat minn rapport mediku tal-kirurgu Mr.Anthony Zammit, kopja tieghu hawn annessa u mmarkata **Dok. B**.

6. Konsegwenza tal-incident awtomobilistiku in kwistjoni, li fih ir-rikorrent garrab griehi permanenti fil-persuna tieghu, huwa sofra danni konsistenti f’*damnum emergens* u *lucrum cessans*, li ghalihom ghandu jaghmel tajjeb l-intimat.

7. L-intimat gie interpellat diversi drabi, anke ufficjalment, jaghmel tajjeb ghad-danni sofferti mir-rikorrenti, u dana permezz ta’ ittra bonarja datata 11 ta’ Dicembru, 2003, kopja taghha hawn annessa u mmarkata **Dok. C**, permezz ta’ ittra ufficjali datata 13 ta’ Gunju, 2005, kopja taghha hawn annessa u mmarkata **Dok. D**, u permezz ta’ ittra ufficjali ohra datata 3 ta’ April, 2007, kopja taghha hawn annessa u mmarkata **Dok. E**, liema ittri gew ukoll notifikati lis-socjeta’ assikurattrici tal-vettura misjuqa mill-intimat.

8. Kellha ssir din il-kawza sabiex ir-rikorrent ikun jista' jezegwixxi sentenza, ukoll fil-konfront tas-socjeta' assikurattrici tal-vettura misjuqa mill-intimat, ai termini tal-Kap. 104 tal-Ligijiet ta' Malta, liema socjeta' qeghda tichad ir-responsabilita'.

9. Ir-rikorrent jaf bil-fatti hawn fuq esposti personalment.

Talab lill-konvenut jghid ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:

1. Tiddikjara illi l-intimat huwa unikament responsabbli ghall-incident awtomobilistiku li sehh nhar l-14 ta' Ottubru, 2003 gewwa Hal-Tarxien bejn vettura tal-marka *Hyundai Accent*, bin-numru ta' registrazzjoni DNL 777 misjuqa mir-rikorrent, u vettura tal-marka *Renault*, bin-numru ta' registrazzjoni DBD 672, misjuqa mill-istess intimat, minhabba traskuragni, imperizja, nuqqas ta' hila, u non-osservanza tar-regolarmenti tat-traffiku da parti l-istess intimat.

2. Tiddikjara, jekk hemm bzonn bl-opra ta' periti nominandi, illi konsegwenza tal-istess incident awtomobilistiku, ir-rikorrent sofra griehi fil-persuna tieghu ta' natura permanenti.

3. Tiddkjara, jekk hemm bzonn bl-opra ta' periti nominandi, illi konsegwenza tal-incident awtomobilistiku in kwistjoni, li fih ir-rikorrent garrab griehi permanenti fil-persuna tieghu, huwa sofra danni konsistenti f'*damnum emergens* u *lucrum cessans.*

4. Tillikwida, jekk hemm bzonn bl-opra ta' periti nominandi, id-danni konsistenti f'*damnum emergens* u *lucrum cessans* sofferti mir-rikorrent.

5. Tikkundanna lill-intimat ihallas lir-rikorrent id-danni konsistenti f'*damnum emergens* u *lucrum cessans* sofferti mir-rikorrent, hekk likwidati.

Rat id-dokumenti esebiti mal-istess rikors guramentat.

Rat illi ghalkemm debitament notifikat, l-istess intimat Larson Pace ma pprezenta ebda twegiba u lanqas qatt ma deher fil-Qorti ghas-seduti.

Semghet ix-xhiedha prodotti.

Rat il-affidavit prodotti.

Rat id-doumenti esebiti partikolarment is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati tas-6 ta’ Mejju 2005.

Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet tal-istess attur liema nota ghalkemm notifikata lill-istess intimat, dan ta l-ahhar ghazel li ma jirrispondix ghaliha.

Ikkunsidrat illi ma hemm ebda dubbju illi l-incident stradali de quo gie kkawzat mill-istess intimat. Lanqas ma hemm ebda dubbju li d-danni sofferti mill-istess rikorrenti huma serji, u permanenti u ghalhekk dak l-ammont prospettat ta’ sbatax-il elf tlett mija u sebgha u ghoxrin lira u sebghin centezmu Lm17,327.70 liema ammont jirraprezenta kemm id-danni gia sofferti kif ukoll lucrum cessans huwa gustifikat.

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti taqta’ u tiddeciedi billi

1. Tilqa l-ewwel talba tar-rikorrenti.

2. Tilqa’ t-tieni talba.

3. Tilqa’ t-tielet talba.

4. Tilqa’ r-raba’ talba u tillikwida d-danni sofferti mir-rikorrenti fl-ammont ta’ erbghin elf tlett mija tnejn u sittin ewro u tmienja u sittin centezmu (€40,362.68) li jekwivalaw ghal Lm17, 327.70.

5. Tikkundanna lill-istess Larson Pace ihallas is-somma fuq imsemmija ta’ €40, 362.68. Bl-ispejjez kif mitluba fir-rikors promotur.

L-ispejjez kollha tal-kawza jithallsu mill-istess Larson Pace.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------